MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-23 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 384/2012

Il-Pulizija

(Spettur Johann J. Fenech)

vs

**Emanuel Deguara**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-28 ta' Dicembru, 1951, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18252(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Deguara quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-24 ta' April, 2005 ghal habta ta' 20.40hrs:

1. volontarjament ikkaguna hsarat fil-hanut 'Powerbar' li jinsab fi Triq il-Bajja is-Sabiha, B'Bugia, liema hsara tammonta ghal Lm120 u dan ghad-dannu ta' Etienne Attard u Joseph Carabott miz-Zejtun;
2. fl-istess data, lok u hin kiser il-paci pubblika u il-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 ghas-sigurta' ta' Etienne Attard u Joseph Carabott.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Lulju, 2012 fejn il-Qorti waqfet milli tiehu konjizzjoni tal-kawza u iddikjarat il-procediment ezawrit u dan wara li kkunsidrat, inter alia, ir-rinunzja tal-kwerelant ghal kull haga rinunzjabbli. Il-Qorti ghaddiet ikkunannat lill- imputat ihallas lir-Registratur is-somma ta' 448.81 Euro import tal-ispejjez tal-Perit Tekniku minnha nominat fuq talba tad-difiza.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Deguara tat-30 ta' Lulju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emanuel Deguara" deciza fl-24 ta' Lulju 2012 billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu gie dikjarat il-procediment ezawrit fuq l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, thassarha u tirrevokaha in kwantu ikkundannatu jhallas lir-Registratur is-somma ta' 448.81 Euro import tal-ispejjez tal-Perit Tekniku AC Mario Cassar.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi lejn l-ahhar ta' dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni talbet li l-esponent jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-Perit Tekniku AC Mario Cassar ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-istess Perit Tekniku gie nominat mill-Ewwel Qorti fuq talba tad-difiza biex jivverifika jekk dak allegat mill-kwerelanti, u cioe' li wara l-allegat incident huma kienu ghamlu l-ebda flange biex isewwu l-hsara allegata, huwiex fil-fatt veru. Illi kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, l-istess Perit, wara access fuq il-post in kwisjtoni, ma sab li kien hemm imwahhal l-ebda flange fejn indikat mill-istess kwerelanti. Kwindi l-esponent kien gustifikat fit-talba tieghu ghan-nomina tal-istess Perit stante li fl-ewwel akkuza hu kien qieghed jigi akkuzat li ghamel hsara fl-ammont ta' Lm120, liema ammont kien jirraprezenta l-ispejjez tal-imsemmi *flange.*

Illi sorprendentement ghall-esponent, minkejja dan kollu, l-Ewwel Qorti deherilha li ghandha tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-istess Perit, u dan minkejja li ddikjarat il-procediment ezawrit. Illi d-decizjoni fil-parti taghha fejn akkollat l-ispejjez peritali hija monka minn zewg aspetti u cioe:-

1. Illi artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna lill-hati ihallas lir-Registratur dawk l-ispejjez kollha jew parti rnill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri. Kif tista' tapprezza din l-Onorabbli Qorti, fil-kawza odjerna ma nstabet l-ebda htija fl-esponent. L-Ewwel Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit u kwindi certament ma jistghax jinghad li l-esponent gie misjub hati minnha biex jattira s-sanzjonijiet tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9. Kwindi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta sussegwentement ghad -dikjarazzjoni tal- procediment ezawrit kompliet biex ikkundannat lill-esponent ghal hlas tal-ispejjez peritali lir-Registratur;

2. Illi, bla pregudizzju ghal dak appena sottomess, u kif gie rilevat aktar 'il fuq, l-esponent kellu kull raguni li jitlob in-nomina ta' tali Perit stante li l-hsara reklamata mill-kwerelanti fil-fatt ma kinitx tezisti, kif irrizulta mir-relazzjoni tal-istess espert, u kwindi ma kellux jigi akkollat l-istess spejjez. Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn ikkundannat lill-esponent sabiex ihallas l-ispejjez peritali hija wahda rrita u nulla.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' l-imputat appellant.

Illi fis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti min imkien ma jirrizulta li l-appellant gie b'xi mod ikkundannat, anzi l-procediment gie dikjarat ezawrit minhabba l-fatt li l-parte civile rrinunzjat ghall-azzjoni penali.

Illi ghalhekk jirrizulta car li l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-imputat appellant ghal hlas ta' l-ispejjez tal-kawza minhabba l-fatt car li l-ewwel Qorti ma sabitx htija.

Illi l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali titkellem dwar 'kundanna' u fil-kaz in ezami ma hemm ebda kundanna ta' l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell ta' Emanuel Deguara. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------